TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 174/21/MM

Robert Cini u Anna Said

Vs

Micra Ltd

10 ta' Lulju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2021 fejn talab is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000), rappreżentanti parti mill-prezz imħallas għal kċina mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata li allegatament kellha xi difetti stante li l-prodott finali kien ta' kwalita inferjuri minn dak ordnat minnu.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata fejn eċċepiet:

i. Illi fl-ewwel lok u b'mod preleminari n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u s-soċjeta' intimata in kwantu li l-ordni tal-kċina mertu tal-kawża odjerna saret minn Anna Said u mhux mir-rikorrenti Robert Cini.

ii. Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju u fil-mertu t-talba magħmula mir-rikorrent fil-konfront tas-soċjeta' intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha minn dan it-Tribunal bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent għad-diversi raġunijiet.

iii. Illi fit-tielet lok u ukoll mingħajr preġudizzju, f'kull każ jispetta lir-rikorrent sabiex jipprova d-danni minnu allegatament sofruti fl-ammont indikat fir-rikors promotur.

iv.Illi fir-raba' lok u ukoll mingħajr preġudizzju u biss fl-agħar ipotesi għas-soċjeta' intimata fejn dan it-Tribunal kellu jikkonkludi illi jissussisti xi difett fil-kċina in kwistjoni kif allegat mir-rikorrent, l-ammont pretiż mill-istess rikorrent huwa eċċessiv u esaġerat.

Ra li fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2022 r-rikorrenti talab korrezzjoni fl-okkju sabiex tiżdied Anna Said, liema talba ma kinietx opposta mis-soċjeta' intimata u għalhekk dan it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju sabiex dan għandu jaqra Robert Cini u Anna Said v. Micra Limited.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u korrispondenza bejn il-partijiet.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent Robert Cini xehed bil-ġurament fis-seduta tal-14 ta' Ġunju u qal li ordna kċina mingħand is-soċjeta' intimata u li kienet tiswa madwar erbatax il-elf ewro (€14,000). Illi jgħid li m'huwiex sodisfatt għax minkejja li huwa ordna prodott bħal ma jidher fid-dokumenti annessi mat-talba tiegħu, il-prodott finali ma kienx jaqbel mar-ritratti. Illi huwa jippreċiża li l-injam huwa tal-kwalita miftiehem iżda l-vina tal-istess injam ma ssegwix u għalhekk ma hemmx koerenza fil-pattern u għalhekk jeħtieġlu jibdel il-faċċata tal-kċina. Ir-rikorrenti jgħid li s-soċjeta' intimata kemm il-darba qaltlu li se tirranġalu l-faċċata iżda talbitu jħallas l-ammont ta' tmien mija u tmienja u tmenin ewro (€888) tal-materjal u peress li huwa rrifjuta li jħallas prezz addizzjonali, sad-data tal-kawża kien għadu ma sar xejn.

Is-soċjeta intimata tirispondi billi tgħid li t-talba magħmula mir-rikorrent fil-konfront tas-soċjeta' intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha minn dan it-Tribunal bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent għad-diversi raġunijiet fosthom li hija aderixxiet ruħha pjenament mal-obbligu tagħha fil-konfront tar-rikorrenti; u l-kċina hija tal-kwalita pattwita u ma hija vvizjata bl-ebda difett. Illi fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2022 xehed Raymond Micallef bil-ġurament u spjega li huwa direttur fis-soċjeta' intimata u jgħid li daħal fl-istorja wara li wasallu l-ilment tar-rikorrenti. Illi huwa jixhed li hija n-norma li l-vina ma

tkunx continous u li meta jkun hemm vina qatt ma tittiehed in konsiderazzjoni li t-top cupboard irid jaqbel mal-kexxun. L-unika ħaġa normali hi li l-vina tkun jew dejjem orrizzonatali jew dejjem vertikali. F'dan il-każ kienu kollha vertikali. Illi huwa jgħid li s-soċjeta intimata nonostante in *bona fede* xorta waħda għamlet minn kollox biex tirrimedja l-ilment li sar u l-ħlas li talbet kien biss dak tal-materjal mixtri mingħand is-supplier tiegħu biex jinbidlu l-folji tal-injam u ma kienx ser ikun hemm ħlas tas-servizz tiegħu.

**Ikkunsidra**

Illi l-qofol tal-mertu f'din id-deċiżjoni jolqot il-mod kif il-prodott ġie preżentat u kkummerċjalizzat. Illi jidher li m'huwiex kontestat li l-attur ingħata order form b'ritratti ta' kif kellu jkun il-prodott finali, mingħajr ebda riserva li l-klijent m'għandux jistrieħ fuq ir-ritratti. Illi fil-fehema tat-Tribunal. Il-prodotti mibjugħa għandhom jaqblu mad-deskrizzjoni pprovduta u mal-aspettattivi li l-konsumatur seta' raġonevolment kellu skont il-preżentazzjoni tal-prodott. Ġjaladarba fil-każ odjern, il-prodott finali ma jaqbilx mal-ritratti ppreżentati mal-ordni, dan jista' jitqies bħala nuqqas ta' konformità.

Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn mas-soċjeta' intimata fl-argumentazzjoni li għandha tiġi eżentata minn kwalsiasi responsabbilita' stante li hija n-norma li l-vina ma tkunx continous u li meta jkun hemm vina qatt ma tittiehed in konsiderazzjoni li t-top cupboard irid jaqbel mal-kexxun. Illi anki jekk għas-saħħa tal-argument huwa minnu li f'każijiet bħal dawn l-unika ħaġa normali hi li l-vina tkun jew dejjem orrizzonatali jew dejjem vertikali, dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita' tas-soċjeta' intimata li tinforma b'dan lill-kljineti tagħha u ma tagħmilx użu minn ritratti li jistaw ikunu qarrieqa għaliex litteralment jagħtu stampa differenti ferm mir-realta. Illi huwa raġonevolment mistenni li l-klijent joqgħod fuq ir-ritratti mogħtija lilu mal-ordni diment li l-bejjiegħ ma jinfurmahx li r-ritratti m'humiex preċiżi u li qegħdin jingħataw biss bħala linji gwidi u li m'humiex konferma ta' kif se jkun il-prodott finali. Illi Raymond Micallef jixhed li f'erbatax (14) il-sena, l-vini qatt ma jaf li kieent continuous minn fuq sal-kxaxen. Illi t-Tribunal jidhirlu li jekk is-soċjeta' intimata ma ridietx tqarraq bin-nies, kien ikun

iktar korrett kieku r-ritratti mal-ordni kienu kif juri l-għamara kif effettivament tpoggiet għand l-attur milli bil-maqlub. X'jiswa li tippreżentaw ritratt mal-ordni li taf li f-erbatax (14) il-sena qatt ma ġie kif qed turi?

Illi t-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata tgħid li *in bona fede* xorta waħda għamlet minn kollox biex tirrimedja l-ilment li sar u l-ħlas li talbet kien biss dak tal-materjal mixtri mingħand is-supplier tagħha biex jinbidlu l-folji tal-injam u ma kienx ser ikun hemm ħlas tas-servizz tagħha. Illi din l-offerta m'hijiex biżejjed u fil-fatt tkomnpli d-dagħjjef id-difiża tagħha. Illi ex admissis jingħad li l-ordni setat faċilment saret skont l-aspettativa tal-klijent, dejjem kif ukoll muri fir-ritratti pprovduti lilu, diment li jsir ħlas addizzjonali. Illi s-soċjeta' intimata bħala bejjiegħ kellha tara li toffri din il-possibilita' fil-mument tal-ordni. Fil-każ preżenti, għalkemm il-varjazzjoni fil-vina tal-injam tista' tkun komuni, il-konsumatur kellu l-aspettattiva li l-prodott finali jkun jikkorrispondi mar-ritratti ppreżentati lilu u għalhekk la huwa ġust u lanqas huwa sewwa li l-attur jintalab iħallas prezz addizzjonali.

**Ikkunsidrat**

Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel*

*consenso del compratore".* ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra pprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"*), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna ...* (subpara "d");

Illi f'dan il-kaz, la darba huwa pacifiku li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' appalt u mhux ta' bejgh u dan ghaliex jinvolvi obbligazzjoni "*di facere*" fuq dik "di dare" ("**International Tentage Textiles Industries Limited vs Andreas Gerdes**" (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005); "**Aplan Limited vs Emmanuel Bajada**" (A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009), u allura dak li huwa mportanti u relevanti huwa jekk ix-xoghol sarx kif pattwit, u/jew skond is-sengha u l-arti, u dan indipendentement mill-allegata approvazzjoni jew certifikazzjoni tax-xoghol, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li l-appaltatur huwa obbligat li jaghmel huwa li jaghti l-opera li kellu jahdem skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi dwar ir-responsabbilta` ta' fornitur ta' għamara dan it-Tribunal jirreferi għall-każ ta' **Spiteri vs Associated Supplies Ltd** ta' l-20 ta'Ottubru 2003 (Qorti ta' l-Appell *sede* Inferjuri) fejn il-Qorti qalet li: *"... l-venditur irid mhux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ippogieh f'pozizzjoni li jeffettwa l-ghazla informata li hi l-aktar idonea ghalih, izda li dejjem jagixxi in*

*buona fede fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalih u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) intqal: *"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni ta-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."*

Illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Muscat vs Cuschieri** deċiża fis-26 ta' Mejju 2006 qalet: *"min jidhol biex jesegwixxi apalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dan it-Tribunal iħoss li mill-provi prodotti jirrizulta ictu occoli mir-ritratti esebiti li kcina konsenjata mis-soċjeta' intimata m'hijiex maħduma skont l-ordni maqbula. It-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatta mill-argumenti tas-soċjeta' intimata u fuq bilanċ ta' probabbilita jidhirlu li l-linja difensjonali tas-socjeta` intimata m'hijiex verosimili jew plawsibbli. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li għandu jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tar-rikorrenti ż ghal liema ser jipprovdi l-provvediment infraskritt.

Illi finalment jifdal il-likwidazzjoni tad-danni. Illi dan it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub mir-rikorrent ma ġiex spjegat jew sostanzjat b'xi prova. Illi il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrent naqas milli jissostanzja jew jispjega kif wasal għall-ammont mitlub minnu bi provi konkreti, speċjalment fid-dawl tal-fatt li kien hemm qbil li l-prezz tal-materjal eskluż ix-xogħol tal-id kien ta' tmien mija u tmienja u tmenin ewro (€888)

filwaqt li r-rikorrenti talab is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000). Kien jispetta lir-rikorrenti jresssq provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċi lilt-Tribunal li x-xogħolijietrimedjali kienu jammontaw għall-ammont mitlub minnu. Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba parzjalment u jillikwida ammont *arbitro bon viri* U qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens arbitrio boni viri fis-somma ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qieghed parzjalment jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevata mis-soċjeta intimata, jilqa parzjalment it-talba rikorrenti u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont illikwidat *arbitro bon viri* ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u fi żmien ħmistax-il jum mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**